MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 1216/2006

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**PATRICK MANGION**
**CHRISTOPHER MAZZATELLI**
**JAMES VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Patrick Mangion ta’ 33 sena, bin Anthony u Joan nee’ Camilleri, mwieled Qormi nhar it- 30 ta’ Jannar 1973,

residenti fil- fond Block 1, Flat 7, Triq id- Deheb Fin, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 68773(M);

U

Christopher Mazzitelli ta' 25 sena, bin Carmelo u Mary nee' Demicoli, mwieled Pieta nhar it- 28 ta' Dicembru 1980, residenti fil- fond Carmar, Triq il- Vittorja, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 36081(M);

U

James Vella ta' 26 sena, bin George u Nathalie nee' Agius, mwieled Pieta' nhar it- 2 ta' Ottubru 1980, residenti fil- fond Block G, Flat 5, Triq Patri Agostino Sant, Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 469180(M);

Li gew imressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghal l-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Gewwa Hal- Ghaxaq nhar it- 13 ta' Novembru 2006 ghal habta tas- 2.00pm , bil- hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' li jisirqu mill- fond nru. 4, Triq San Bastjan, Hal-Ghaxaq, urew dan il- hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhom li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil- 'vjolenza numerika', bil-'valur', li jiskorri Lm1000, bil- 'lok' u bil- 'mezz', ghad- detriment ta' Bruno Philip Farrugia minn Hal- Ghaxaq u persuni ohra;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil- bieb principali ta' l- imsemmi fond, liema hsara ma teccedix Lm 50, u li saret ghad- detriment ta' Bruno Philip Farrugia minn Hal- Ghaxaq u persuni ohra;

3) Lil Patrick Mangion wahdu talli sar recediv b’sentenzi tal- Qorti tal- Appell Kriminali datata 2 ta’ Gunju 2004, u tal- Qorti tal- Magistrati (Malta), Dr. J. Cassar LL.D datata 29 ta’ Jannar 2003, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) Lil Christopher Mazzitelli wahdu talli sar recediv b’sentenza tal- Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 29 ta’ Lulju 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u dan ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

5) Lil James Vella wahdu talli sar recediv ai terminu tal- Artikolu 49 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn ghandu jigi rilevat li t-tlitt imputati gie addebitat lilhom ir-recidiva, izda din ma tirrisultax fil-konfront ta’ James Vella, peress illi s-sentenza esebita fil-konfront tieghu tirrisali ghas-sena 2000, u ghalhekk lahqu ghaddew aktar minn hames snin minn dik is-sentenza sad-data ta’ meta allegatament sar dan ir-reat. Fil-konfront tal-imputati l-ohra, l-addebitu tar-recidiva tirrisulta, u ghalhekk fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija ikollha tittiehed in konsiderazzjoni.

Kwantu ghall-provi prodotti fuq il-mertu, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputati, fid-data, lok u hin indikati, ghamlu attentat ta’ serq mill-fond in kwistjoni. Huma intaghrfu miz-

zewg xhieda okulari, Bruno Farrugia u Guzeppi Spiteri, li kienu gewwa l-istess fond u lemhu lit-tlitt imputati jippruvaw jisgassaw il-bieb. Sussegwentement huma intaghrfu ukoll mill-istess xhieda meta gew murija ritratti tal-istess imputati gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Id-difiza, min-naha taghha – u fil-fehma tal-Qorti bir-ragun – ippruvat tattakka l-kredibilita’ ta’ dawn iz-zewg xhieda. Fl-ewwel lok, Bruno Farrugia kien innega li qatt kellu jaghmel uzu mill-facilitajiet tad-Detox Centre fejn l-Isptar San Luqa, mentri fil-fatt dan irrisulta minnu waqt kontro-esami serrat fl-istadju tal-provi tad-difiza. Fit-tieni lok, Guzeppi Spiteri pprova juri sarkazmu xejn sublimi meta d-difiza staqsietu jekk jafx x’inhu Detox Centre, billi wiegeb li kellu kelb jismu Detox, u qaghad jipponta subghajh lejn id-difiza b’certa arja. Madankollu, dan l-agir kwazi infantili ta’ zewg xhieda jista’ forsi jtellef mill-gieh taghhom, izda ma jnaqqasx mill-kredibilita’ taghhom fl-identifikazzjoni tal-imputati bhala l-persuni li ppruvaw iwettqu s-serqa li ttantaw jaghmlu. Maghdud dan mal-fatt tal-hsara fil-bieb tar-residenza tax-xhieda, il-Qorti tara li hi verosimili l-verzjoni moghtija minnhom. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib lill-imputati hatja ta’ tentattiv ta’ serq, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-mezz, u bil-valur li izda ma jeccedix l-elfejn u tlitt mija u disgha w ghoxrin Ewro, peress illi ma saretx prova tal-valur tal-oggetti fid-dar ta’ Spiteri.

Kwantu ghall-piena, dan ir-reat igib mieghu piena ta’ mhux anqas minn disa’ xhur prigunerija u mhux aktar minn tlitt snin prigunerija, li zgur ma jistax jinghata fil-minimum bl-aggravanti indikati. Peress li hawn si tratta ta’ tentattiv biss, allura l-piena ghandha tonqos bi grad jew zewg gradi, izda minhabba fl-aggravanti tal-mezz, fost l-ohrajn, tista’ terga’ toghla bi grad jew zewg gradi, u bl-addebitu tar-recidiva, bi grad ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9, u b’ zewg gradi ai termini tal-Artikolu 289(1) tal-Kap 9. Ir-reat tal-hsara volontarja, ghalkemm jirrisulta, jitqies bhala mezz ghall-fini, u ghalhekk ser ikun hemm assorbiment tal-piena ghal dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41(1) (a), 261 (a) (b) (c) (e), 262 (1) (b), 263 (a),264 (1), 265, 267, 269(g), 276, 276 (A), 277, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280, 281, 325 (1) (c), 49, 50, 289, 23, 31 u 533, tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Patrick Mangion, Christopher Mazzitelli u James Vella hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, b’dan illi l-aggravanti tal-valur qed jigi determinat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 279(a) tal-Kap 9, u b’dan ukoll illi l-imputat James Vella ma rrisultax li hu recidiv;

Ghaldaqstant tikkundanna lil Patrick Mangion ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xahar, li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv;
Lil Christopher Mazzitelli tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sena, li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv;
U lil James Vella tikkundannah terminu ta’ prigunerija ta’ sena sospiza ghal erba’ snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------